Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**PRESS RELEASE** **2nd September 2021**

**Fort St Angelo open at a reduced price on Victory Day**

On the 8th of September, Victory Day, Heritage Malta will open the doors of the majestic Fort St Angelo to the general public at a reduced admission price of €2. This event will also include access to the upper parts of the fort which are administered by the Sovereign Military Order of Malta.

This public holiday is one of the most special days in our nation's calendar as it encapsulates the very essence of Maltese pride. The first momentous event commemorated on this day is the victorious end of the Great Siege on the 8th September 1565, when the Ottoman forces gave up their attempt to take over the Islands after three months of relentless fighting and heavy losses.

Victory Day also marks the date when the armistice of the Fascist regime in Italy was made public in 1943, giving Malta a breather in the Second World War. By sheer coincidence, the birth of the Virgin Mary is also celebrated on this day.

In remembrance of these events, Heritage Malta has prepared a programme of activities at Fort St Angelo. The doors will open at 09:00, followed by mass at 10:00 in the Chapel of the Nativity of the Virgin. At 11:00 there will be a walk from the chapel to the Great Siege monument, where a commemoration of the Victory of the Great Siege will be held with the participation of the National Festivities Committee.

The fort will remain open to the public for the rest of the day at a reduced price of €2. The doors close at 17:00, with last admissions at 16:30. Reduced admission tickets may only be purchased at the door. Heritage Malta members and Heritage Malta Student and Senior Passport holders enter free of charge on presentation of their respective documents.

For further information visit Heritage Malta's website www.heritagemalta.org or the agency's official Facebook page.

**STQARRIJA** **2 ta’ Settembru 2021**

**Il-Forti Sant’Anġlu jinfetaħ bi prezz imraħħas f’Jum il-Vitorja**

Nhar it-8 ta’ Settembru, Jum il-Vitorja, Heritage Malta se tiftaħ il-bibien tal-Forti maestuż ta’ Sant’Anġlu bi prezz imraħħas ta’ €2. Dan l-avveniment se jinkludi wkoll aċċess għall-partijiet ta’ fuq tal-forti li huma amministrati mill-Ordni Militari Sovrana ta’ Malta.

Il-festa tal-Vitorja hija waħda mill-aktar jiem speċjali fil-kalendarju nazzjonali, billi f’din id-data Malta tfakkar it-trijonf tagħha f’żewġ avvenimenti storiċi. L-ewwel ġrajja hija dik li seħħet fit-8 ta’ Settembru 1565, meta l-armata Ottomana rtirat mill-attakk qawwi li kienet ilha tagħmel fuq Malta għal tliet xhur sħaħ tul l-Assedju l-Kbir.

Din il-festa timmarka wkoll il-jum li fih l-armistizju tar-reġim Faxxista fl-Italja sar pubbliku fl-1943, u b’hekk Malta setgħet tieħu ftit tan-nifs wara l-eqqel żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ta’ min jinnota li t-twelid tal-Verġni Marija huwa wkoll iċċelebrat f’din id-data.

Bħala tifkira ta’ din il-festa hekk importanti, Heritage Malta ħejjiet programm ta’ attivitajiet fil-Forti Sant’Anġlu. Il-forti se jinfetaħ fid-09:00. Fil-Kappella tat-Twelid tal-Verġni Marija tiġi ċċelebrata quddiesa fl-10:00. Wara ssir kommemorazzjoni tal-vittmi tal-Assedju l-Kbir, bis-sehem tal-Kumitat Festi Nazzjonali.

Il-Forti Sant’Anġlu jibqa’ miftuħ għall-bqija tal-jum bi prezz imraħħas ta’ €2. Il-bibien jingħalqu fil-17:00, bl-aħħar dħul ikun fl-16:30. Il-biljetti mraħħsa jistgħu jinqatgħu biss mal-bieb. Membri ta’ Heritage Malta u persuni li għandhom il-Passaport ta’ Heritage Malta tal-Istudenti jew tal-Anzjani jidħlu bla ħlas billi juru d-dokumenti rispettivi tagħhom.

Għal aktar tagħrif wieħed jista’ jżur is-sit ta’ Heritage Malta www.heritagemalta.org jew il-paġna uffiċjali tal-aġenzija fuq Facebook.